MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 22/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**

**Vs**
Abdul Salam Tumy Al Forgni

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli fit-3 ta' Gunju, 2004, ghall-habta ta' 12.30 ta' filghodu, flimkien ma persuni ohra, gewwa l-Gzira u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:**
**1) dolozament minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car il-hajja ta' PS 909 P. Buhagiar, tah daqqa ta' strument iebes ffuq rasu biex jikkagunalu feriti ta' natura gravi u jgib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi**

**haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 218(1)(b) u 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 909 P. Buhagiar u PS 245 K. Arnaud, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni imkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fl-uniformijiet ta' PS 909 P. Buhagiar u PS 245 K. Arnaud, liema hsara hija anqas minn LM10 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**6) fit-30 ta' Mejju 2004, ghall-habta tas-18.00 ta' filghaxija, flimkien ma persuni ohra, harab mill-post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn kien qieghed ghall-kura jew osservazzjoni, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, bi vjolenza fuq xi persuna jew bi ksur tal-postijiet imsemmija, u dan bi ksur tal-artikolu 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**7) b'hekk titqies recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mag. Dr. M. Hayman LL.D fit-23 ta' Marzu, 2004.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2005, li biha,

wara li rat l-Artikoli 221(1), 95(1), 325(d), 338(dd), 152, 49, 50, 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel, u t-tielet akkuzi u minnhom illiberatu izda sabitu hati tal-akkuzi l-ohra w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija w tlett (3) Liri Maltin u disgha w tmenin (89) centezmi multa ekwivalenti ghall-hsara li saret mill-imputat fuq propjeta' pubblika w cioe' il-qmis tal-uniformi ta' PS 909 Paul Buhagiar u l-lanyard ta' PS 245 Keith Arnaud.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din illiberatu mit-tielet akkuza w sabitu hati tas-sitta w seba' akkuzi, izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-hames akkuzi kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum fejn eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell billi ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 419 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, ghax ma jsemmewx il-fatti fil-qosor.

**Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors .**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar il-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell , jigi osservat li ghalkemm fil-fatt dar-rikors jiddedika tlitt paragrafi – tnejn minnhom ta' linja - ghall-dawk li suppost huma l-fatti fil-qosor, pero' f' dawn il-paragrafi kull ma hemm dwar il-fatti tal-kaz, ghad-distinzjoni ta' narrazzjoni ta' x' gara mill-hajja tal-appellant qabel il-kaz innifsu w li hu kien arrestat pendenti din il-procedura ,huwa testwalment dan :-**

"…illi l-fatti tal-kaz odjern huma ben sintetizzati fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

**Issa hu ovvju li l-espozizzjoni tal-fatti kif saret fir-rikors tal-appell hija ghal kollox inezistenti w fil-fatt ma hemm xejn li jillumina lil din il-Qorti dwar il-fatti tar-reati dedotti nnifishom. Il-vot tal-ligi ma ma jistax jigi sodisfatt billi ssir riferenza ghall-fatti sintetizzati fis-sentenza appellata.**

**Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni tippronuncja ruha dwar eccezzjoni simili li tqajjmet fil-konfront tar-rikors ta' appellipprezentat mill-Avukat Generali fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Herman McKay u Stiano Agius" **[ 7.1.2004]** , **kif ukoll li tqajjmu fil-konfront ta' appellanti dikjarati hatja mill-Ewwel Qorti (Ara** "Il-Pulizija vs. Tarcisio Gatt" **[22.1.2004];** "Il-Pulizija vs. Patrick Gatt" **[ 22.1.2004];** "Il-Pulizija vs. Gaetano Bonnici" **[18.3.2004];** "Il-Pulizija vs. Paul Abela" **[27.5.2004];** "Il-Pulizija vs. Arthur Agius**"** **[24.6.2004]** , "Il-Pulizija vs. Mariella Grima" **[4.11.2004]** u ohrajn.

**F' dawn is-sentenzi, din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni dak li gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-**

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor , ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontropoarti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-*

*dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

**Fl-Appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**"** **[17.10.1997], din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm** ***: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."***

**Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija ukoll karenti ghal kollox u dak li intqal fir-rikors fit-tlitt paragrafi li jsegwu dak li jghid li *"Illi l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:"* ma jitfghu assolutament ebda dawl fuq dak li suppost gara jew ma garax f' dan il-kaz, rigwardanti l-allegati reati.**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiddikjara r-rikors tal-appell tal-appellant irritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' mill-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap.9. u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------